



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.2.2007  
KUMM(2007) 69 finali

2007/0032 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta**

Istituzzjonijiet internazzjonali, Ewropej u nazzjonali jeħtieġu li jkollhom tagħrif affidabbli biżżejjed dwar il-popolazzjoni u d-djar fl-Unjoni Ewropea. Fi kważi kull qasam politiku li hija attiva fih l-UE, sew jekk hux ekonomiku, soċjali jew ambjentali, hija meħtieġa *data* ta' kwalità għolja dwar il-popolazzjoni sabiex jiġu mfasla għanijiet operattivi u sabiex jiġi vvalutat il-progress. *Data* dwar iċ-ċensiment tagħmilha possibbli li jsiru paraguni validi bejn l-Istati Membri ta' l-UE. Id-*data* tista' tintuża direttament (eż. Kemm huma daww affettwati minn ċertu problema/miżura?) jew bħala denominatur minn ras għal ras biex tinkiseb il-komparabbiltà.

Barra minn hekk, *data* dwar iċ-ċensiment li hija komparabbli fil-livell Ewropew hija s-sinsla ta' stimuli annwali dwar il-popolazzjoni, ta' sħarriġ bit-teħid ta' kampjuni, u ta' analiżi reġjonali.

Fl-aħħarnett, din il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tistabbilixxi l-bażi għall-għbir ta' *data* dwar id-djar li hija komparabbli fil-livell Ewropew.

1) Id-*data* li għandha tiġi pprovduta kull għaxar snin fuq il-bażi ta' din il-proposta hija mistennija tkopri firxa addattata ta' fatturi varjabbli. L-għan prinċipali huwa li tingħata stampa dettaljata biżżejjed ta' l-istruttura u l-karatteristiċi tal-popolazzjoni li tippermetti l-analiżi fil-fond meħtieġa għall-ippjanar, l-amministrazzjoni u s-superviżjoni f'bosta oqsma ta' politika. Politika ta' din ix-xorta għandha komponent Ewropew, u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Istati Membri jitolbu paraguni affidabbli fil-kuntest Ewropew.

2) Id-*data* pprovduta skond din il-proposta tgħin sabiex iżżomm kwalità għolja ta' stimuli annwali dwar il-popolazzjoni. L-istimi annwali dwar il-popolazzjoni normalment huma bbażati jew fuq reġistri jew fuq l-għadd demografiku li huma aġġornati fuq il-bażi ta' atti amministrattivi. Huwa ferm rikonoxxut li dawn jeħtieġu verifiki/aġġustamenti perjodiċi u bbażati fuq iċ-ċensiment għal żbalji statistiċi u tekniċi. L-intervall bejn żewġ verifiki/aġġustamenti bbażati fuq iċ-ċensiment ta' stimuli annwali dwar il-popolazzjoni ma għandux ikun itwal minn għaxar snin. Il-proċess ta' għbir ta' *data* skond din il-proposta għandha tkun ta' effett pożittiv fuq l-istima annwali tal-popolazzjoni.

Ir-rekwiżiti ta' kwalità għad-*data* dwar il-popolazzjoni huma għolja, kif jagħtu xieħda l-eżempji li ġejjin:

- Il-proċess demokratiku fl-Unjoni Ewropea jsejjaħ għal stimuli annwali dwar il-popolazzjoni ta' l-oġħla kwalità possibbli. L-Artikolu 11(5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jfisser il-proċess għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill. Wieħed mill-kriterji huwa li maġġoranza kwalifikata għandha tirrappreżenta Stati Membri li jikkostitwixxu mill-inqas 62% tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni.

- L-Unjoni Ewropea tappoġġja l-iżvilupp tar-reġjuni inqas prosperi tagħha. L-għan ta' "Konverġenza" tal-Fondi Strutturali huwa l-prijorità ewlenija tal-politika ta' koeżjoni ta' l-UE. Iż-żoni li baqgħu lura fl-iżvilupp tagħhom huma identifikati bħala dawk li l-Prodott Gross Domestiku tagħhom minn ras għal ras huwa ta' inqas minn 75% tal-medja tal-Komunità (UE-25). Sabiex jiġi stabbilit liema reġjuni huma eliġibbli, hija meħtieġa *data* dwar il-popolazzjoni fil-livell reġjonali ta' kwalità għolja. Il-kwalità ta' stimi dwar il-popolazzjoni reġjonali tiddependi fuq analiżi reġjonali ddettaljata biżżejjed tas-sors li fuqu huma bbażati dawn l-istimi. Il-qafas leġislativ attwali li jistipula d-dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fondi Strutturali huwa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006.

- Id-*data* dwar il-popolazzjoni tista' indirettament taffetwa l-Kontijiet Nazzjonali.

3) L-Unjoni Ewropea għandha kompetenza fil-qasam ta' koeżjoni reġjonali li huwa regolament wieħed mill-ikbar elementi baġitarji. Il-ġbir ta' *data* skond dan ir-regolament jipprovdi, fuq livell reġjonali, il-medda ta' *data* dwar il-popolazzjoni meħtieġa sabiex jiġi vvalutat il-progress ta' koeżjoni reġjonali.

4) Bosta sħarriġ bit-teħid ta' kampjuni importanti li huma armonizzati fl-UE jeħtieġu *data* statistika dwar l-istruttura tal-popolazzjoni fil-livell reġjonali sabiex jieħdu l-kampjuni tagħhom u joħorġu r-riżultati (eż. l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol). Il-qafas statistiku jrid jiġi armonizzat fil-livell Ewropew sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tar-riżultati ta' l-istħarriġ. Il-ġbir tad-*data* skond din il-proposta jipprovdi dan il-qafas statistiku.

5) Il-proposta tistabilixxi l-bażi għall-ġbir ta' *data* ta' kwalità għolja u komparabbli dwar id-djar. Is-sitwazzjoni tad-djar tal-popolazzjoni għandha implikazzjonijiet sostanzjali.

- L-aċċess għal djar diċenti huwa ta' importanza kbira għall-politika soċjali. Fil-Kunsill Ewropew ta' Laeken ta' l-2001, il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri saħqu dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppanti indikaturi komuni dwar l-inklużjoni soċjali, li jirreferu espliċitament għad-djar, kif ukoll għall-ħtieġa għar-rinfurzar tal-makkinarju statistiku f'dan is-sens. Madankollu, għad jeżisti nuqqas ta' indikaturi dwar id-djar kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Il-ministri ta' l-Istati Membri responsabbli mill-akkomodazzjoni kkonfermaw aktar minn darba l-ħtieġa ta' *data* komparabbli dwar id-djar.

- Bini li fih djar privati għandu konsum importanti ta' enerġija, ilma u provvisti u servizzi oħrajn li għandhom komponent ambjentali.

- Id-djar għandhom impatt ekonomiku sinifikanti (l-offerta u t-talba għad-djar, il-finanzi, il-kostruzzjoni, xogħol ta' tiġdid).

#### • Il-kuntest ġenerali

Fil-każ li l-għanijiet ta' din il-proposta leġislattiva ma jintlaħqux dan ikollu konsegwenzi negattivi serji għal bosta oqsma tas-Sistema Statistika Ewropea, kif ukoll fuq it-tweġiq ta' l-obbligazzjonijiet legali (eż. Vot ta' Maġġoranza, Fondi Strutturali) u

l-kwalità ta' l-analiżi u l-valutazzjoni ta' politika bbażati fuq l-istatistiċi rispettivi.

L-aħħar Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar fl-Unjoni Ewropea sar għas-sena ta' rappurtar 2001. Dan ma għex ibbażat fuq leġiżlazzjoni Ewropea, iżda minflok fuq 'Ftehim bejn l-Irġiel'. Deher b'mod ċar li Ftehim bejn l-Irġiel ma jggarantix il-kwalità meħtieġa għall-għanijiet li d-*data* suppost isservi fil-ġejjieni.

- Il-varjazzjoni wiesgħa fid-dati ta' referenza naqqsu serjament il-komparabbilità: Id-dati ta' referenza huma mifruxa fuq perjodu ta' 39 xahar, li jibda' minn Marzu 1999 (Franza) sa Mejju 2002 (il-Polonja); id-data għal Malta saħansitra tirreferi għal Novembru 1995.

- Il-puntwalità ma kinitx żgurata: Anke jekk il-Ftehim bejn l-Irġiel ippropona li d-*data* kollha għandha tingħata lill-Eurostat sat-30 ta' Ġunju 2003, l-aħħar *data* waslet f'nofs l-2005, li wassal biex il-pubblikazzjoni saret f'Settembru 2005, jiġifieri 44 xahar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza.

- Id-*data* li għet ipprovduta inizjalment f'bosta każijiet ma kinitx kompluta, ma kinitx validata kompletament jew kienet inkonsistenti. Bosta talbiet sabiex terġa tiġi ċċekkjata d-*data* wasslu għal dewmien fil-proċess ta' produzzjoni. Meta jitqies l-użu importanti li jsir mid-*data* dwar iċ-ċensiment, huma meħtieġa *metadata* u standards li jiżguraw il-kwalità oġhla.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ma hemm l-ebda dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta.

- **Konsistenza ma' politika u għanijiet oħrajn ta' l-Unjoni**

Il-liġi Ewropea teħtieġ li l-Eurostat jipprovidi *data* dwar il-popolazzjoni ta' l-oġhla kwalità possibbli (eż. Vot ta' Maġġoranza, Fondi Strutturali; ara punt 2 hawn fuq) ta' "Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta"). B'żieda ma' dan, bosta oqsma ta' politika li fihom hija attiva l-UE jeħtieġu *data* dwar il-popolazzjoni u/jew id-djar sabiex jgħinu fil-formolazzjoni ta' għanijiet operattivi u fil-valutazzjoni tal-progress. Id-*data* trid tkun kompletament komparabbli fil-livell Ewropew, u ta' spiss tintalab fil-livell ta' dettall reġjonali, analiżi ta' fatturi varjabbli u bi kwalità li tista' tkun iggarantita biss bil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar.

## 2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-ANALIŻI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenija fil-mira u l-profil ġenerali ta' min wieġeb*

L-abbozz tar-Regolament dwar iċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar fl-Unjoni Ewropea ġie ppreżentat lid-"Diretturi ta' l-Istatistiċi Soċjali" (mill-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli għal attivitajiet ta' Ċensiment) fit-28 ta' Settembru 2005, kif ukoll lill-Kumitat ta' Programm ta' l-Istatistika fit-30 ta' Novembru 2005. Saret konsultazzjoni intensiva fi ħdan in-NU/KEE u l-UE fir-rigward tas-suġġetti li se jkunu koperti miċ-ċensiment dwar il-popolazzjoni u d-djar f'dan ir-reġjun. Din il-konsultazzjoni involviet għadd ta' esperti minn pajjiżi Ewropej. Barra minn hekk, l-

Eurostat wettaq studju ta' fattibilità dwar is-suġġetti li għandhom ikunu koperti u l-livell tagħhom ta' dettall reġjonali. L-istudju jinvolvi inkjesta fl-Istituti ta' l-Istatistika Nazzjonali.

#### Sinteżi tat-tweġibiet u kif dawn tqiesu

Il-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika esprima appoġġ kbir għall-proġett leġiżlattiv u l-approċċ tiegħu. Fuq talba ta' uħud mill-Istati Membri ta' l-UE, żdiedet lista komprensiva dwar is-suġġetti li għandhom ikunu koperti bħala anness ma' dan ir-regolament.

#### • **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

##### Oqsma xjentifiċi/ta' għarfien espert ikkonċernati

Il-metodoloġija u t-teknoloġija taċ-ċensiment; is-suġġetti u l-karatteristiċi taċ-ċensimenti.

##### Metodoloġija użata

Fis-Sistema ta' l-Istatistika Ewropea, hija prassi tajba li jitqiesu bis-sħiħ ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza ta' l-Istatistiċi Ewropej għaċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni u d-Djar (Rakkomandazzjonijiet CES), li jirriflettu r-rekwiżiti nazzjonali u internazzjonali ewlenin, kif ukoll dawk Komunitarji, għad-*data* dwar il-popolazzjoni u d-djar. Ir-Rakkomandazzjonijiet tas-CES jistipulaw il-metodoloġija u t-teknoloġija tal-ġbir taċ-ċensiment kif ukoll is-suġġetti li għandu jiġi rrapurtat dwarhom.

Skond din il-proposta, il-lista ta' suġġetti għaċ-ċensimenti fl-Unjoni Ewropea hija konsistenti ma' dik tar-Rakkomandazzjonijiet tas-CES. Dawn ġew identifikati bħala essenzjali wara snin ta' ħidma fil-fond u konsultazzjonijiet ma' l-utenti. L-Istati Membri għarfu d-*data* skond ir-Rakkomandazzjonijiet tas-CES bħala rilevanti għall-għanijiet nazzjonali tagħhom.

Il-proposta tirreferi espliċitament għar-Rakkomandazzjonijiet tas-CES sabiex tiżgura li d-deċiżjonijiet jissejsu fuq konsultazzjoni u reviżjoni addattati. Ir-Rakkomandazzjonijiet tas-CES huma ppreparati minn għadd kbir ta' esperti mill-korpi responsabbli għall-ġbir u l-analiżi taċ-ċensiment. Ir-Rakkomandazzjonijiet tas-CES jirriżultaw minn diskussjonijiet iddetaljati u skambju ta' fehmiet permezz ta' konferenzi, laqgħat, gruppi ta' ħidma, gruppi tematiċi u konsultazzjoni bil-miktub.

##### L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Id-Diviżjoni ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti (UN SD), il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN ECE), l-Uffiċċji Nazzjonali ta' l-Istatistika.

##### Sinteżi tal-pariri mogħtija u użati

In-nuqqas ta' *data* ta' kwalità għolja dwar iċ-ċensiment tal-popolazzjoni ta' l-UE tista' toħloq riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irriversibbli għall-formolazzjoni u l-valutazzjoni tal-politika, għall-amministrazzjoni u għat-tmexxija finanzjarja.

Il-pariri tal-konsultazzjoni huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet tas-CES innifishom, kif ukoll fir-riżultati ta' l-istudju ta' fattibilità fl-Istati Membri.

Metodi użati sabiex il-pariri ta' l-esperti jkunu disponibbli pubblikament

Il-verżjoni attwali tar-Rakkomandazzjonijiet tas-CES tinstab hawnhekk: <http://www.unece.org/stats/documents/ece/ces/ge.41/2006/zip.1.e.pdf>

- **Analiżi tal-konsegwenzi**

**Ġew ikkunsidrati l-għażliet li ġejjin:**

A) L-ebda armonizzazzjoni taċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni u d-Djar fl-UE: F' medda ta' żmien ta' tul medju, dan ikun ifisser li ma jkunx hemm *data* komprensiva u komparabbli dwar il-popolazzjoni u d-djar disponibbli fl-UE. Dan ikollu konsegwenzi negattivi u serji legalment (eż. Vot ta' Maġġoranza, Fondi Strutturali) kif ukoll politikament (eż. formolazzjoni u valutazzjoni tal-politika).

B) "Ftehim bejn l-Irġiel" dwar iċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni u d-Djar fl-UE: Dan jirriżulta f'*data* ta' kwalità baxxa dwar il-popolazzjoni u d-djar fl-UE. Il-komparabbiltà ma tkunx tista' tiġi ggarantita. Din ukoll ikollha konsegwenzi negattivi u kbar legalment u politikament.

C) Direttiva dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar fl-UE. Jeżisti riskju sinifikanti ta' devjazzjonijiet u preġudizzji meta rekwiżiti tekniċi jiġu tradotti f'liġi nazzjonali u dan jista' potenzjalment iwassal għal telf sostanzjali fil-komparabbiltà u b'hekk għal konsegwenzi negattivi u kbar legalment u politikament.

D) Leġiżlazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni u d-Djar fl-UE (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplementa r-Regolament tal-Kummissjoni). Il-leġiżlazzjoni għandha tkun **orjentata lejn ir-riżultat** u mhux lejn il-kontribut. Għandha tiċċara r-responsabilitajiet u r-rwoli, kif ukoll ir-rekwiżiti komuni fir-rigward tal-kwalità u t-trasparenza tar-riżultati u l-metodi. Dan jiggerantixxi d-disponibbiltà ta' *data* dwar il-popolazzjoni komparabbli u ta' kwalità għolja fl-UE. L-obbligazzjonijiet legali u politiċi jistgħu jintlaħqu.

E) Leġiżlazzjoni Ewropea dwar iċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni u d-Djar fl-UE (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplementa r-Regolament tal-Kummissjoni). Il-leġiżlazzjoni għandha **tkun orjentata** lejn il-kontribut. Għandha tispeċifika fid-dettall liema sorsi ta' *data* għandhom jużaw l-Istati Membri (kwestjonarji, reġistri, eċċ) u kif għandha tinħareġ id-*data* minn dawn is-sorsi. Il-piż marbut ma' dan l-approċċ huwa potenzjalment kbir. L-Istati Membri jridu jaddattaw ir-reġistri kollha użati fiċ-ċensiment, b'mod partikolari r-reġistri kollha tal-persuni u d-djar. Bosta persuni residenti jista' jkun li jkollhom jimlew kwestjonarji li jistgħu jinvolvu xogħol estensiv għall-uffiċċji taċ-ċensiment u għal dawk li jwettqu l-intervisti. L-implikazzjonijiet finanzjarji ta' intervenzjoni mill-UE ikunu sinifikanti fil-kuntest tal-baġits nazzjonali.

**L-għażla preferita hija l-għażla D.** Din tista' tiggerantixxi riżultati dwar iċ-ċensiment li huma affidabbli, trasparenti u li jistgħu jitqabblu b'mod suffiċjenti. Il-leġiżlazzjoni għandha tkun orjentata lejn ir-riżultati, u mhux lejn il-kontribut, sabiex b'hekk l-Istati

Membri jkollhom l-għażla dwar liema sorsi ta' *data* jużaw u kif joħorġu r-riżultati. Anke jekk l-Istati Membri għandhom il-libertà li jagħżlu l-mod li huma jaħsbu li huwa l-aħjar biex iwettqu è-ènsiment f'pajjiżhom, il-kwalità, b'mod partikolari l-komparabbilità, għandha tkun garantita b'mod suffiċjenti, għaliex il-leġiżlazzjoni tkun tobbliġa lill-Istati Membri li jirrispettaw standards prinċipali u rekwiżiti ta' kwalità speċifiċi. Il-metodoloġija u t-teknoloġija użati jridu jiġu deskritti b'mod ċar sabiex irendu proċessi u riżultati trasparenti dwar iċ-ènsimenti mwettqa fl-Istati Membri.

Għażla D tnaqqas kemm jista' jkun il-piż addizzjonali li jirriżulta mill-intervenzjoni fil-livell ta' l-UE. Il-piż huwa limitat għal dak li huwa neċessarju li jiġi rrapportat dwar is-suġġetti li kien hemm qbil dwarhom u li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' kwalità komuni, kif ukoll ċertu piż fuq l-istituzzjonijiet ta' statistika (il-kitba ta' rapporti ta' kwalità u li jipprovdu *metadata* u dokumenti ta' spjegazzjoni oħrajn).

### 3) L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

Il-proposta tiċċara r-responsabilitajiet u r-rwoli fid-dispożizzjoni ta' kull għaxar snin ta' *data* komprensiva dwar il-popolazzjoni u d-djar, kif ukoll ir-rekwiżiti komuni rigward il-kwalità u t-trasparenza tar-riżultati u l-metodi. Dan jagħti l-libertà lill-Istati Membri li joħorġu d-*data* meħtieġa bil-mod li huma jaħsbu huwa l-aqwa mod għal pajjiżhom. Dan jinkludi l-għażla tas-sors li l-Istati Membri jixtiequ joħorġu d-*data* minnu. Fl-istess waqt, il-proposta tiggarantixxi l-kwalità tad-*data*, u fuq kollox il-komparabbilità tagħha fil-livell Ewropew. Essenzjalment l-approċċ huwa orjentat lejn ir-riżultat, u mhux lejn il-kontribut.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 285 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea jipprovdi l-bażi legali għall-istatistiċi Komunitarji. Il-Kunsill, skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni, għandu jadotta miżuri għall-produzzjoni ta' statistiċi fejn meħtieġa għat-twettiq ta' l-attivitajiet tal-Komunità. Dan l-Artikolu jstipula r-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni ta' l-istatistiċi Komunitarji u jeħtieġ il-konformità ma' l-istandards ta' imparzjalità, affidabilità, oġġettività, indipendenza xjentifika, rapport bejn l-ispiża u l-effettività, u kunfidenzjalità ta' l-istatistika.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjeta**

Il-prinċipju tas-sussidjarjeta japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin:

Element ċentrali ta' tħassib dwar il-kwalità ta' kwalunkwe *data* statistika hija l-komparabbilità. Minħabba li d-*data* dwar il-popolazzjoni u d-djar hija użata sabiex tgħin biex tiġi ssodisfatta l-leġiżlazzjoni Ewropea, tiġi vvalutata l-politika Ewropea u/jew sabiex ir-riżultati tal-politika nazzjonali jitqabblu fil-livell Ewropew, huwa essenzjali li d-*data* bażika tkun komparabbli fil-livell Ewropew. L-Istati Membri ma jistgħux jilhqqu dan fil-livell meħtieġ mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri

leġiżlazzjoni Ewropea li tistabbilixxi fatturi statistiċi komuni u rekwiżiti ta' kwalità. Barra minn hekk, it-trasparenza tal-metodoloġija u t-teknoloġija taċ-ċensiment użati fil-pajjiżi diversi hija kundizzjoni sabiex tintlaħaq il-komparabbiltà. Min-naħa l-oħra, it-trasparenza teħtieġ leġiżlazzjoni Ewropea u kollaborazzjoni strutturata, ibbażata fuq din il-leġiżlazzjoni, bejn il-korpi ta' statistika responsabbli fil-livell nazzjonali u Ewropew.

L-esperjenza tal-passat turi b'mod ċar li ftehim informali mingħajr qafas miftiehem, ċar u sorveljat ma jwassalx għar-riżultati statistiċi ta' kwalità meħtieġa fil-ġejjieni.

Azzjoni Komunitarja tilħaq l-għanijiet tal-proposta aħjar għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-leġiżlazzjoni ta' l-UE proposta hija meħtieġa sabiex tiggarrantixxi l-kwalità, b'mod partikolari l-komparabbiltà. Ir-regolament jidentifika rekwiżiti komuni sabiex jiżgura dan kif ukoll it-trasparenza fir-rigward tal-metodoloġija u t-teknoloġija użata fl-Istati Membri:

- L-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li l-kwalità tad-*data* u l-*metadata* trasmessi u s-sorsi ta' *data* u l-metodoloġija magħżula jissodisfaw, kemm huwa possibbli, il-fatturi essenzjali taċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar, b'mod partikolari elenku individwali, simultanjetà, universalità fi ħdan territorju definit, disponabbiltà ta' *data* dwar żoni żgħar u perjodità definita.

- L-Istati Membri jridu jirrappurtaw dwar is-sorsi ta' *data* użati sabiex jilhqqu l-obbligi, jispjegaw għaliex intgħażlu dawn is-sorsi u kif l-għażla tas-sors tad-*data* jista' jkollha impatt fuq ir-riżultati li jippreżenta. Għandhom jirrappurtaw dwar il-limitu sa fejn jaħsbu li s-sorsi ta' *data* u l-metodoloġija magħżula jilhqqu l-fatturi essenzjali taċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar.

- Is-suġġetti prinċipali li jridu jiġu koperti se jkunu l-istess għall-pajjiżi kollha.

- Id-*data* li għaliha tirreferi d-*data* tagħhom għandha tkun fl-istess sena kalendarja. Dan japplika għall-pajjiżi kollha.

- Id-*data* għandha tiġi trasmessa fi żmien 24 xahar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza, fil-format tekniku mitlub mill-Kummissjoni (Eurostat).

- Il-popolazzjoni għandha tkopri dawk kollha li għandhom ir-residenza tas-soltu tagħhom fil-pajjiż. Ir-regolament jiddefinixxi dan il-kunċett.

- Ir-regolament jiddefinixxi l-kunċetti ta' "nazzjonali" u "reġjonali".

- Ir-regolament jillimita lilu nnifsu għall-iffissar ta' rekwiżiti komuni u jħalli f'idejn l-Istati Membri li jilhqqu dawn ir-rekwiżiti bil-mod li jaħsbu huwa l-aħjar għall-pajjiżhom.

#### 4) L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

#### 5) TAGĦRIF SUPPLEMENTARI



- Simplifikazzjoni

Il-proposta tipprovdha għas-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi għal awtoritajiet pubbliċi (ta' l-UE jew nazzjonali).

Ir-rekwiżiti komuni stipulati fl-abbozz tar-regolament ġew rikonoxxuti li jirrappreżentaw soluzzjonijiet fattibbli u li jipprovdu orjentazzjoni ċara għall-korpi nazzjonali li jwettqu ċ-ċensiment. In-nuqqas ta' kwalunkwe armonizzazzjoni *ex-post* tar-riżultati statistiċi li għandhom x'jaqsmu mad-definizzjonijiet u l-kunċetti jissimplifika l-proċeduri amministrattivi fi ħdan l-Uffiċċji ta' l-Istatistika.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jiġi estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

## 6) ROAD MAP

Huwa diffiċli li tiġi proposta *road map* dettaljata għall-adozzjoni tar-regolament u l-miżuri ta' l-implimentazzjoni tiegħu llum, minħabba li attivitajiet futuri jiddependu fuq ir-riżultati tan-negozjati kontinwi fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew u kemm ir-regolament jiġi adottat formalment malajr. Madankollu, skeda tentattiva tista' tkun kif ġej (din tista' tkun modifikata skond id-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament):

### **It-tieni nofs ta' l-2006**

L-abbozz tar-regolament kien suġġett għal konsultazzjoni bejn is-servizzi fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea. Il-proposta leġiżlattiva uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea ġiet tradotta fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE.

### **L-ewwel nofs ta' l-2007**

Il-preżentazzjoni ta' abbozz tal-proposta lill-Kulleġġ għal adozzjoni formali. Il-preżentazzjoni tal-proposta leġiżlattiva uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill ta' l-UE għall-ewwel qari.

### **It-tieni nofs ta' l-2006 / matul l-2007**

Laqgħat *tat-task force* dwar kwistjonijiet tekniċi li għandhom x'jaqsmu mar-regolament. Speċifikazzjonijiet li jżidu mar-Rakkomandazzjonijiet tan-NU/KEE u ta' l-Eurostat għaċ-Ċensimenti. Tħejjija ta' l-implimentazzjoni ta' Regolament tal-Kummissjoni.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni<sup>1</sup>,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat ta' Programm ta' l-Istatistika (SPC) stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>3</sup>,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni teħtieġ li tkun fil-pussess ta' *data* dwar il-popolazzjoni u d-djar li hija affidabbli, dettaljata u komparabbli biżżejjed, sabiex tkun tista' twettaq il-ħidmiet li jingħatawliha, b'mod partikolari bl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat. Għandha tiġi żgurata komparabbiltà suffiċjenti fil-livell Komunitarju fir-rigward ta' metodoloġija, definizzjonijiet u l-programm ta' *data* u *metadata* statistika;
- (2) *Data* perjodika statistika dwar il-popolazzjoni u dwar il-karatteristiċi prinċipali ta' individwi fir-rigward tal-familja, dawk soċjali, dawk ekonomiċi u fir-rigward id-djar hija neċessarja għall-istudju u d-definizzjoni ta' politika reġjonali u soċjali li taffetwa setturi partikolari fil-komunità;
- (3) Sabiex isir użu f'waqtu tad-*data* fit-tqabbil bejn l-Istati Membri, din id-*data* għandha tirreferi għal sena partikolari li għadha trid tingħata;
- (4) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika tal-Komunità<sup>4</sup> li jikkostitwixxu l-qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ li l-għbir ta' l-istatistiċi jikkonforma ma' l-istandards ta'

---

<sup>1</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>2</sup> ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

<sup>3</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>4</sup> ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1. Regolament emendat bir-Regolament (KE) 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p.1).

imparzjalità, affidabilità, oġġettività, indipendenza xjentifika, rapport bejn l-ispiża u l-effettività, u kunfidenzjalità ta' l-istatistika;

- (5) Fil-produzzjoni u t-tixrid ta' l-istatistiċi Komunitarji taħt dan ir-regolament, l-awtoritajiet ta' l-istatistika nazzjonali u Komunitarji għandhom iqisu l-prinċipji stipulati fil-Kodiċi ta' Prassi Ewropea ta' l-Istatistika adottat mill-Kumitat ta' Programm ta' l-Istatistika fl-24 ta' Frar 2005 u mehmuż mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet ta' l-istatistika nazzjonali u komunitarji<sup>5</sup>;
- (6) Minħabba li l-għanijiet ta' l-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri l-ġbir u l-kompilazzjoni ta' statistiċi komunitarji komparabbli u komprensivi dwar il-popolazzjoni u d-djar, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, dan minħabba in-nuqqas ta' fatturi statistiċi u rekwiżiti ta' kwalità komuni kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' trasparenza metodoloġika, u għalhekk, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju permezz ta' qafas statistiku, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjeta kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. **Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità**, kif stipulat f'dan l-Artikolu, dan ir-regolament dwar iċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni u d-Djar ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet;
- (7) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni<sup>6</sup>;
- (8) B'mod partikolari, għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tad-definizzjonijiet, tistabbilixxi s-snin ta' referenza ulterjuri u tadotta l-programm tad-*data* ta' l-istatistika u l-*metadata*. Minħabba li dawn il-miżuri huma ta' skop ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi li mhumiex meħtieġa ta' dan ir-regolament, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Suġġett**

Dan ir-regolament jistabbilixxi regoli komuni għad-dispożizzjoni ta' kull għaxar snin ta' *data* komprensiva dwar il-popolazzjoni u d-djar.

---

<sup>5</sup> COM (2005) 217 finali.

<sup>6</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22. 7.2006, p.11).

## Artikolu 2

### Definizzjonijiet

1. Għall-għan ta' dan ir-regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) "popolazzjoni" tfisser il-popolazzjoni nazzjonali u reġjonali bir-residenza tas-soltu fid-data ta' referenza msemmija fl-Artikolu 5 (2);
  - (b) "djar" tfisser unitajiet ta' djar jew bini kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-kwartieri ta' l-għixien fil-livelli nazzjoni u reġjonali fid-data ta' referenza. "bini" tfisser dak il-bini li attwalment fih, jew potenzjalment jista' jkun fih, unitajiet ta' djar;
  - (c) "residenza tas-soltu" tfisser il-post li fih persuna normalment tqatta' l-perjodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, irrispettivament minn assenzi temporanji għal għanijiet ta' rikreazzjoni, vakanza, żjarat lill-ħbieb u l-qraba, negozju, kura medika jew pellegrinaġġ reliġjuż; jew, jekk mhux disponibbli, il-post ta' residenza legali jew reġistrat;
  - (d) id-"data ta' referenza" hija d-data li tirreferi għalija d-*data* ta' l-Istati Membri rispettivi, b'konformita ma' l-Artikolu 5 (2) ta' dan ir-regolament;
  - (e) "nazzjonali" tfisser fit-territorju ta' l-Istati Membri;
  - (f) "reġjonali" tfisser fil-livell 1 tan-NUTS, fil-livell 2 tan-NUTS u fil-livell 3 tan-NUTS, kif definit fil-verżjoni tal-klassifikazzjoni ta' unitajiet territorjali għall-istatistiċi (NUTS), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> fil-verżjoni tiegħu valida fid-data ta' referenza, kif ukoll fil-livell 2 ta' l-Unitajiet Amministrattivi Lokali (LAU livell 2);
  - (g) "fatturi essenzjali taċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar" tfisser elenku individwali, simultanjetà, universalità fi ħdan territorju definit, disponabbiltà ta' *data* dwar żoni żgħar u perjodità definita;
  - (h) "mikrodata anonimizzata" tfisser reġistri ta' statistika individwali li jkunu ġew modifikati sabiex inaqqsu, skond l-aqwa prassi attwali, ir-riskju ta' l-identifikazzjoni ta' l-unitajiet statistiċi li jirrelataw magħhom.
2. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tadotta d-definizzjonijiet irreferuti fil-paragrafu 1, skond il-proċedura rreferuta fl-Artikolu 7 (3).

## Artikolu 3

### Preżentazzjoni tad-*data*

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni (Eurostat) *data* dwar il-popolazzjoni u d-djar li tkopri karatteristiċi determinati demografiċi, soċjali, ekonomiċi u dwar id-djar ta' individwi, familji, djar, unitajiet ta' l-għixien u bini fil-livelli nazzjonali u reġjonali kif stipulati fl-Anness.

---

<sup>7</sup> ĠU L 154, 31.12.1986, p. 1.

## Artikolu 4

### Sorsi u kwalità tad-data

1. L-Istati Membri jistgħu jibbażaw l-istatistiċi fuq sorsi ta' *data* differenti, b'mod partikolari fuq:

(a) ċensiment konvenzjonali;

(b) ċensiment imsejjes fuq ir-reġistri;

(c) tlaqqiġha ta' ċensiment konvenzjonali u sħarriġ bit-teħid ta' kampjuni;

(c) tlaqqiġha ta' ċensiment imsejjes fuq ir-reġistri u sħarriġ bit-teħid ta' kampjuni;

(e) tlaqqiġha ta' ċensiment imsejjes fuq ir-reġistri u ċensiment konvenzjonali;

(f) sħarriġ adattat bit-teħid ta' kampjuni b'ordni regolari (*rolling census*).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sorsi tad-*data* u l-metodoloġija użati sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament jilħqu kemm jista' jkun l-fatturi essenzjali taċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar kif definiti fl-Artikolu 2 (1).

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità tad-*data* u l-*metadata* li jiġu trasmessi. Il-Kummissjoni (Eurostat), b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, għandhom jipprovdu r-rakkomandazzjonijiet u r-rekwiżiti metodoloġiċi mfassla sabiex jiżguraw l-kwalità tad-*data* u *metadata* prodotti, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza ta' l-Istatistiċi Ewropej għaċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni u d-Djar.

4. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar is-sorsi ta' *data* użati, ir-raġunijiet għall-għażla ta' dawn is-sorsi u l-effetti tas-sorsi ta' *data* magħżula fuq il-kwalità ta' l-istatistiki (rapport ta' kwalità). F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dwar kemm is-sorsi ta' *data* u l-metodoloġija magħżula jissodisfaw il-fatturi essenzjali taċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar kif definiti fl-Artikolu 2(1).

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) mingħajr dewmien bir-reviżjonijiet u l-korrezzjonijiet ta' l-istatistiċi pprovduti taħt dan ir-regolament, u dwar kwalunkwe tibdiliet fil-metodi u s-sorsi ta' *data* użati.

6. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-kontenut tar-rapport ta' kwalità kif ukoll il-kriterji ta' kwalità għall-produzzjoni u t-tixrid tad-*data* skond il-proċedura rreferuta fl-Artikolu 7(3).

## Artikolu 5

### It-trażmissjoni tad-data

1. L-Istati Membri għandhom jiprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'*data* u *metadata* verifikati kif speċifikat f'dan ir-regolament, prinċipalment fil-bidu ta' kull deċennju.

2. Kull Stat Membru għandu jiddetermina data li tirreferi għaliha d-*data* tiegħu (data ta' referenza). Din id-data ta' referenza għandha tkun matul is-sena speċifikata fuq il-bażi ta' dan ir-regolament (sena ta' referenza). L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2011. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi snin ta' referenza sussegwenti skond il-proċedura rreferuta fl-Artikolu 7(3).
3. Id-*data* għandha tingħata fi żmien 24 xahar wara t-tmiem tas-sena ta' referenza.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta programm tad-*data* statistika u l-*metadata* li għandhom jiġu trasmessi sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti tal-ġbir tad-*data*, skond il-proċedura irreferuta fl-Artikolu 7(3). Is-suġġetti li se jiġu koperti b'dan ir-regolament għal livell ġeografiku speċifiku ma jistgħux jkunu aktar minn dawk imniżżla fl-Anness għal dak il-livell ġeografiku.
5. Il-programm tad-*data* statistika jista' jinkludi, b'żieda mad-*data* aggregata (fil-forma ta' *table programme*), kampjun ta' mikrodata anonimizata.
6. L-Istati Membri għandhom jgħaddu d-*data* u l-*metadata* verifikati fil-format elettroniku lill-Kummissjoni (Eurostat). Il-Kummissjoni għandha tadotta l-format tekniku addattat li għandu jintuża għat-trasmissjoni tad-*data* meħtieġa, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2).
7. F'każi ta' reviżjonijiet jew korrezzjonijiet skond l-Artikolu 4(5) ta' dan ir-regolament, l-Istati Membri għandhom jgħaddu d-*data* modifikata fil-ħin lill-Kummissjoni (Eurostat).

## *Artikolu 6*

### **Miżuri ta' l-implimentazzjoni**

1. Il-miżuri li ġejjin meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2):
  - (a) l-adozzjoni tal-format tekniku adattat kif stipulata fl-Artikolu 5 (6);
2. Il-miżuri li ġejjin meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(3):
  - (a) l-adozzjoni tad-definizzjonijiet kif stipulati fl-Artikolu 2 (2);
  - (b) id-definizzjoni tal-kontenut tar-rapport ta' kwalità kif stipulata fl-Artikolu 4(6);
  - (c) id-definizzjoni tal-kriterji ta' kwalità kif stipulata fl-Artikolu 4 (6);
  - (d) is-snin ta' referenza, kif stipulati fl-Artikolu 5 (2);
  - (e) l-adozzjoni tal-programm tad-*data* statistika u l-*metadata*, kif stipulati fl-Artikolu 5 (4).
3. Għandha tingħata konsiderazzjoni lill-prinċipju li l-benefiċċji ta' l-aġġornament għandhom ikunu akbar mill-ispejjeż, u lill-prinċipju li spejjeż supplimentari u l-piż jibqgħu taħt limitu raġonevoli.

## *Artikolu 7*

### **Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika stabbilit bid-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. Il-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.
4. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

## *Artikolu 8*

### **Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNEX

### **Suġġetti li għandhom jiġu koperti fiċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar**

#### **1 Suġġetti dwar il-popolazzjoni**

##### **1.1 Suġġetti obligatorji għall-livelli ġeografiċi: NUTS 3, LAU 2**

###### **1.1.1 Suġġetti mhux derivati**

- Il-post tar-residenza tas-soltu
- Sess
- Età
- Stat ċivili legali
- Pajjiż/post tat-twelid
- Pajjiż taċ-ċittadinanza
- Post ta' qabel tar-residenza tas-soltu u data tal-wasla fil-post attwali *jew* Post tar-residenza tas-soltu sena qabel iċ-ċensiment
- Relazzjonijiet bejn il-membri tad-dar

###### **1.1.2 Suġġetti derivati**

- Popolazzjoni totali
- Lokalità
- Stat tad-dar
- Stat tal-familja
- Tip tan-nukleu tal-familja
- Daqs tan-nukleu tal-familja
- Tip tad-dar privata
- Daqs tad-dar privata

##### **1.2 Suġġetti obligatorji għall-livelli ġeografiċi: Livell nazzjonali, NUTS 1, NUTS 2**

###### **1.2.1 Suġġetti mhux derivati**

- Il-post tar-residenza tas-soltu
- Lokalità tal-post tax-xogħol
- Sess
- Età
- Stat ċivili legali
- Stat ta' attività attwali



- Xogħol
- Industrija (fergħa ta' attività ekonomika)
- Stat ta' impjeg
- Livell milħuq fl-edukazzjoni
- Pajjiż/post tat-twelid
- Pajjiż taċ-ċittadinanza
- Jekk qatt għixt barra u s-sena tal-wasla fil-pajjiż
- Post ta' qabel tar-residenza tas-soltu u data tal-wasla fil-post attwali *jew* Post tar-residenza tas-soltu sena qabel iċ-ċensiment
- Relazzjonijiet bejn il-membri tad-dar
- Stat tal-pussess tad-djar

### **1.2.2 Suġġetti derivati**

- Popolazzjoni totali
- Lokalità
- Stat tad-dar
- Stat tal-familja
- Tip tan-nukleu tal-familja
- Daqs tan-nukleu tal-familja
- Tip tad-dar privata
- Daqs tad-dar privata

### **1.3 Suġġetti irrakkomandati għall-livelli ġeografiċi:**

#### **Livell nazzjonali, NUTS 1, NUTS 2, NUTS 3, LAU 2**

**1.3.1** L-Istati Membri huma rrakkomandati jirrapportaw dwar is-suġġetti kollha li huma obbligatorji għal-livell reġjonali NUTS 2, kif ukoll dwar il-livell reġjonali aktar fil-fond, propju sa' l-iktar livell reġjonali fil-fond disponibbli.

#### **1.3.2 Suġġetti mhux derivati**

- Lokalità ta' l-iskola, il-kulleġġ jew l-università
- Mezz ta' trasport għax-xogħol
- Mezz ta' trasport għall-iskola, il-kulleġġ jew l-università
- Distanza ta' vjaġġar għax-xogħol u l-ħin meħtieġ
- Distanza ta' vjaġġar għall-iskola, il-kulleġġ u l-università u l-ħin meħtieġ
- Stat civil *de facto*
- Numru ta' tfal li twieldu ħajjin

- Data (Dati) ta' żwieġ(ijiet) legali ta' nisa li qatt iżżewġu: (i) l-ewwel żwieġ u (ii) iż-żwieġ attwali
- Data (Dati) tal-bidu ta' l-unjoni(jiet) konsenswali ta' nisa li qatt kienu f'unjoni konsenswali: (i) l-ewwel unjoni konsenswali u (ii) l-unjoni konsenswali attwali
- Stat ta' attività tas-soltu
- Fornituri ta' servizzi mhux imħallsa, volontiera
- Tip ta' settur (unità istituzzjonali)
- Impjieg informali
- Tip ta' post tax-xogħol
- Ħin normalment maħdum
- Nuqqas ta' impjieg temporanju
- Żmien ta' qgħad
- Għadd ta' persuni li jaħdmu fl-unità lokali ta' l-istabbiliment
- Sors prinċipali ta' għixien
- Dħul
- Kwalifikazzjonijiet edukattivi
- Qasam ta' studju
- Attendenza ta' l-iskola
- Litteriżmu
- Kompetenzi tal-komputer
- Pajjiż tar-residenza tas-soltu preċedenti barra
- Tul totali tar-residenza fil-pajjiż
- Post tar-residenza tas-soltu ħames snin qabel iċ-ċensiment
- Raġuni għall-migrazzjoni
- Pajjiż tat-twelid tal-ġenituri
- Kisba taċ-ċittadinanza
- Etniċità
- Ilsien
- Reliġjon
- Stat ta' diżabilità
- Okkupanza waħda jew maqsuma
- Kera
- Prodotti għall-konsumatur li jservu fil-pussess tad-dar
- Għadd ta' karożżi disponibbli għall-użu mid-dar
- Ipparkjar tal-karożżi disponibbli
- Servizz tat-telefon u ta' l-internet

- Produzzjoni agrikola għal rasek (fil-livell tad-dar)
- Karatteristiċi tal-ħidmiet agrikoli kollha tul l-aħħar sena (fil-livell individwali)

### **1.3.3 Suġġetti derivati**

- Żoni urbani u rurali
- Gruppi soċjo-ekonomiċi
- Persuni bi sfond barrani/nazzjonali
- Gruppi ta' popolazzjoni rilevanti għall-migrazzjoni internazzjonali
- Popolazzjoni bi sfond ta' refuġjat
- Nies imċaqalqa internament
- Unjonijiet bejn nies ta' l-istess sess
- Stat tal-familja fil-kobor
- Tip ta' familja rikostitwita
- Tip ta' familja fil-kobor
- Kompożizzjoni tal-ġenerazzjonijiet fi djar privati

## **2 Fatturi varjabbli tad-djar**

### **2.1 Suġġetti obbligatori għall-livelli ġeografiċi: NUTS 3, LAU 2**

#### **2.1.1 Suġġetti mhux derivati**

- Tip tal-kwartieri ta' l-għixien
- Lokalità tal-kwartieri ta' l-għixien
- Stat ta' okkupanza ta' residenza konvenzjonali
- Għadd ta' okkupanti
- Spazju għall-użu u/jew Għadd ta' kmamar fl-unitajiet ta' l-għixien
- Residenzi skond it-tip ta' bini
- Residenzi skond il-perjodu ta' kostruzzjoni

#### **2.1.2 Suġġetti derivati**

- Standard ta' densità

### **2.2 Suġġetti obbligatori għall-livelli ġeografiċi: Livell nazzjonali, NUTS 1, NUTS 2**

#### **2.2.1 Suġġetti mhux derivati**

- Arranġamenti tad-djar
- Tip tal-kwartieri ta' l-għixien
- Lokalità tal-kwartieri ta' l-għixien

- Stat ta' okkupanza ta' residenza konvenzjonali
- Tip ta' pussess
- Għadd ta' okkupanti
- Spazju għall-użu u/jew Għadd ta' kmamar fl-unitajiet ta' l-għixien
- Sistema ta' provvista ta' l-ilma
- Faċilitajiet tat-tojlit
- Faċilitajiet għall-ħasil
- Tip ta' tisħin
- Residenzi skond it-tip ta' bini
- Residenzi skond il-perjodu ta' kostruzzjoni

### **2.2.2 Suġġetti derivati**

- Standard ta' densità

### **2.3 Suġġetti rakkomandati għall-livelli ġeografiċi:**

#### **Livell nazzjonali, NUTS 1, NUTS 2, NUTS 3, LAU 2**

**2.3.1** L-Istati Membri huma rakkomandati jirrapportaw dwar is-suġġetti kollha li huma obbligatori għal-livell reġjonali NUTS 2, kif ukoll dwar il-livell reġjonali aktar fil-fond, propju sa' l-iktar livell reġjonali fil-fond disponibbli.

### **2.3.2 Suġġetti mhux derivati**

- Disponibbiltà u karatteristiċi ta' residenzi sekondarji, ta' l-istaġun u vakanti
- Okkupanza skond l-għadd ta' djar privati
- Tip ta' kmamar
- Ilma sħun
- Tisħin ta' l-ilma sanitarju
- Tip ta' sistema ta' rimi tad-dranaġġ
- Kċina
- Faċilitajiet għat-tisjir
- Sorsi ta' enerġija wżati għat-tisħin
- Insulazzjoni termali tar-residenza
- Provvista ta' l-elettriku
- Produzzjoni ta' l-elettriku
- Gass imwassal permezz ta' pajpijiet
- Arja kkundizzjonata
- Ventilazzjoni

- Pożizzjoni ta' residenza fil-bini
- Aċċessibilità għar-residenza
- Lift
- Residenzi skond l-għadd ta' sulari fil-bini
- Residenzi skond il-materjali li minnu huma mibnija partijiet speċifiċi tal-bini li fih hemm ir-residenzi
- Residenzi skond l-istat ta' tiswija tal-bini
- Separazzjoni ta' l-iskart fid-djar